A.L. 54 ta' l-2007

ATT DWAR L-IMPIEGI U RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Regolamenti ta' l-2007 li Jestendu l-Applikabilità ta' Disposizzjonijiet dwar Trattament Ugwali fl-Impiegi għal Servizz mal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 48 ta' l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin –

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li Jestendu l-Applikabilità ta' Disposizzjonijiet dwar Trattament Ugwali fl-Impiegi għal Servizz mal-Gvern. Titolu.

2. Artikolu 28 ta' l-Att dwar Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, u l-artikolu 31 ta' l-istess Att sakemm dan ikun il-provvediment li jagħti l-poter li jinħarġu regolamenti u li bis-saħħa tiegħu jkunu nħarġu r-Regolamenti ta' l-2004 dwar Trattament Ugwali fl-Impiegi, għandhom ikunu japplikaw għal servizz mal-Gvern. Applikabilità għall-Gvern. A.L. 461 ta' l-2004.